**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**Vs**

**Omer Abdella Salih**

**Illum 3 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Omer Abdella Salih, iben Abdullah Salih u Yamaa Suleiman, mingħajr residenza, ta' nazzjonalità Eritrejana, Numru tar-Refcom 26611, Numru tal-Pulizija 19J178, imwieled nhar l-1 ta' Marzu 1997, ġewwa Senafe, l-Eritreja, talli f'San Ġiljan, nhar l-1 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30hrs) ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, Malta, u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-IV u tas-VI Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ikkommetta dan ir-reat fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta kien mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju;

4. Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Omer Abdella Salih iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni ossia: (a) il-Fedina Penali ta' l-imputat markata Dok. "A"; (b) stqarrija rilaxxata mill-imputat markata Dok. "B"; (ċ) rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ markat Dok. "C"; (d) l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta markat Dok. "D"; (e) Asylum Seekers Document ta' l-imputat markat Dok "E"; (f) is-sikkina elevata mill-pussess ta' l-imputat markata Dok. "F"; u (g) id-droga (0.45 grammi) elevata mill-pussess ta' l-imputat markata Dok. "G";

Rat li fuq mistoqsija tal-Qorti, l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti tatu biżżejjed żmien sabiex jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'San Ġiljan, nhar l-1 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (00:30hrs) ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, Malta, u/jew f'dawn il-Gżejjer: (1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċiplai tal-Gverm skond id-disposizzjonijiet tar-IV u tas-VI Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Ikkommetta dan ir-reat fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Ġarr 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta kien mingħajr liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju; (4) Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li għalkemm l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess ta' l-imputat kienet ta' 0.45 grammi, l-imputat, li ilu hawn Malta mill-2019, hekk kif irriżulta mis-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, la għandu xogħol u lanqas residenza fissa u wera x-xewqa u ħsieb li jitlaq lura lejn pajjiżu, l-Eritreja, hekk kif jirriżulta mill-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ma għandux mezzi biex iħallas penali li tista' tiġi imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta - in effetti mis-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni rriżulta li għalkemm sar tentattiv, qabel ma ġew istitwiti dawn il-proċeduri, biex l-imputat iħallas multa ai termini ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, anke tramite l-għajnuna ta' sħabu, dana falla. Konsegwentement ai termini ta' l-Artikolu 4(4) tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta u senjatament tal-proviso ta' l-istess imsemmi artikolu tal-Liġi, dan il-każ għandu jiġi trattat skond id-disposizzjonijiet tal-Liġijiet kontra d-Droga, f'dan il-każ il-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li dak dispost fit-tieni proviso ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li: *Iżda wkoll meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i)* ***u*** *r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ*[1]*, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piema tiżdied bi grad,* ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami stante li l-istess ma jaqax taħt id-disposizzjonijiet la ta' l-Artikolu 22(2)(a)(i) u lanqas ta' l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu hawn si tratta ta' pussess sempliċi tad-droga kokaina għall-użu personali, u kwindi jaqa' taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, fl-ewwel lok u minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat, issib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnha, u fit-tieni lok wara li rat u kkunsidrat it-Taqsima IV u t-Taqsima VI, l-Artikoli 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(d) u 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel, it-tielet u ir-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' €116.47.

---

[1] Sottolinear u enfasi tal-Qorti.

Peress illi fil-każ in eżami hemm ċirkostanzi, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, il-fatt li l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tiegħu kien wieħed relattivament żgħir u l-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, li a bażi tagħhom hemm lok li t-terminu ta' tlett (3) xhur priġunerija impost fuq l-imputat jiġi sospiż, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' tlett (3) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal perijodu ta' sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Is-sospensjoni ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tapplika biss fir-rigward tat-terminu ta' priġunerija impost fuq l-imputat u mhux ukoll fir-rigward tal-multa ta' €116.47 imposta fuq l-imputat. Din il-multa ta' €116.47 hekk imposta fuq l-imputat għandha, ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 14(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, titħallas fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti twissi lill-imputat li huwa jonqos milli jħallas il-multa ta' €116.47 entro t-terminu lilu prefiss, dik l-istess multa tiġi kkonvertita f'terminu ta' priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska u konsegwenti distruzzjoni tad-droga li nstabet fil-pussess ta' l-imputat, esebita bħala Dok. "G" u ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska tas-sikkina li nstabet fil-pussess ta' l-imputat, esebita bħala Dok. "F".

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**